MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 1192/1997/1

Nazzareno Abela
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u l-Ministru tax-Xogholijiet u Kostruzzjoni ghal kull interess li jista' jkollu

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa ressaq il-kaz tieghu kontra l-intimat, quddiem it-Tribunal minhabba ingustizzja gravi li huwa bata, bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 minhabba ingustizzja u diskriminazzjoni, anki politika kontra l-intimat. Dan billi ghall-habta tal-1992 u 1995 huwa ma nghatax dik il-promozzjoni li kien haqqu u kien intitolat ghaliha.
Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kienu kif ser jinghad:-

Illi huwa kien jahdem ma' l-Auxiliary Workers Training Scheme fl-1987, u kien stazzjonat mas-sezzjoni tad-Drenagg. Fil-fatt sussegwentement huwa kien beda

jahdem bhala 'Labourer' mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici fl-1991.

Illi fis-sena 1992, meta huwa kien ghadu Labourer kienu hargu sejhiet ghall-applikazzjoni sabiex jinhatru 'Drainage Workers' mad-dipartiment intimat. Dan sar permezz tac-cirkolari numru 37 tal-1992, fil-5 ta' Mejju.

Illi huwa kien applika u rcieva l-'acknowledgement' mid-dipartiment. F'din l-okkazjoni lanqas biss baghtu ghalih ghall-'interview'.

Illi fil-1995 rega' kien hemm sejha simili ghall-applikazzjonijiet sabiex jinhatru 'Drainage Workers'. Dana sar permess ta' Cirkolari Nru. 36 tal-1995. Ir-rikorrent rega' applika u ghamel l-'interview'. Irrizulta meta hargu r-rizultati li l-promozzjoni u l-hatra kienet inghatat lil persuni li kellhom seniority u esperjenza ferm inqas minnu.

Illi ghaldaqstant huwa hass li huwa bata ingustizzja kbira u dana minhabba diskriminazzjoni politika, meta gie mcahhad ghal darbtejn minn dik il-hatra ossija promozzjoni li kien haqqu, peress filwaqt li huwa kien ilu zmien twil jaghmel ix-xoghol ta' 'Drainage Worker' u kellu esperjenza u seniority aktar minn ohrajn, intghazlu nies ohra li allura qabzuh. Dana jfisser li huwa sofra telf ta' opportunita` li javvanza fl-impjieg tieghu u tilef il-beneficcju ta' zieda fil-paga li kien haqqu. Dana barra telf ta' 'seniority' mal-Ministeru tax-Xogholijiet Pubblici.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib dawk il-provi mehtiega permezz tal-lista tax-xhieda kif ukoll permezz tal-elenku tad-dokumenti esebiti sabiex jissostanzja l-kaz tieghu skond il-ligi.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lit-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji li jisma' dan l-ilment, skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji, u jiddeciedi:

1. Billi dan it-Tribunal jiddikjara li r-rikorrent kien haqqu promozzjoni kif fuq inghad ta' 'Drainage Worker' sa mill-1992.

2. Jikkundanna lill-intimati flimkien jew min minnhom jirrendu l-istess promozzjoni lir-rikorrent;

3. Jikkundanna lill-intimati jew min minnhom ihallsu lir-rikorrent dak il-kumpens, f'somma ta' mhux aktar minn hamest elef liri Maltin, li huwa haqqu minhabba telf fi dhul li huwa tilef minhabba n-nuqqas ta' l-intimati;

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet u tal-Ministru tax-Xogholijiet u Kostruzzjoni li eccepew:

Illi r-rikorrent gie impjegat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mill-1 ta' Jannar 1992 bhala Labourer. Hu gie assimilat fil-grad ta' General Hand fl-1 ta' Jannar 1994 permezz tar-riforma li sehhet fis-settur pubbliku.

Illi l-procedura stabbilita fir-rigward ta' promozzjonijiet mac-Civil in generali u fid-Dipartiment tax-Xogholijiet in partikolari, dejjem kienet li tohrog sejha ghall-postijiet vakanti. Fil-kaz tar-rikorrent, is-sejha msemmija hija dik b' numru 37/92 datata 5 ta' Mejju 1992.

Illi din is-sejha partikolari kienet tikkontjeni diversi kategoriji u r-rikorrent applika kif segwenti:

Mason/Drainage Worker/Miner/Stone Carrier/Stone Dresser.

Illi din is-sejha twaqqfet minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma u abbazi hadd ma gie promoss permezz taghha.

Illi mid-dokumenti li jippossjedi d-Dipartiment tax-Xogholijiet irrizulta li ma harget ebda sejha ohra in konnessjoni mal-grad allegat wara s-sejha msemmija.

Illi l-korrispondenza mehmuza ma’ l-ilment tikkoncerna cirkolari li harget mill-MPO datata 4 ta’ Awissu 1995 b’numru MPO BII 36/95 u kienet tistieden applikanti li kienu pronti jaghmlu trade test sabiex jottjenu certifikat ta’ kompetenza fis-snajja rispettivi.

Illi r-rikorrent naqas li jikkwalifika izda min eventwalment ottjena dan ic-certifikat f’xi sengha partikolari, irrenda ruhu eligibbli li japplika f’sejhiet futuri.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrentipprezenta affidavit u fih semma li kien jahdem fil-korpi fl-1987 bhala bennej, anke mal-kuntratturi. Fl-1987 gew iffurmati l-Awziljari u hu spicca maghhom. Ma’ dan il-korp hu kien ghamel xi gimgha jaqta’ l-haxix. Wara kien mar fuqu certu Joe Abela li jafu bhala l-Baslu u dan kien qallu biex imur mieghu fid-Dipartiment tad-Drenagg. Hu kien mar f’ dan id-dipartiment fl-1988. Hu kien jaghmel xoghol ta’ bennej, mason, miner u tindif generali fis-sistema tad-drenagg, u kien ghadu jaghmel dan ix-xoghol sa meta xehed. Hu kien u ghadu l-ewwel grad fi skala tal-grad 19. Sostna li messu ilu li ha l-Grad C mill-bidu nett peress li kien jaghmel dan it-tip ta’ xoghol mill-ewwel, fil-fatt hu jaghmel kull tip ta’ xoghol li taghmel persuna f’ dan il-grad.

Zied jghid li meta fl-1992 hu u shabu kienu gew inkorporati fis-Servizz Civili, il-haddiema kollha kienu

ddahhlu fi Grad C hlief hu li kien baqa' fl-istess grad li kellu. Semma lil certu Grezzju Abela li dahal fic-Civil fi grad aktar minn tieghu minkejja li jaghmlu l-istess tip ta' xoghol. Qal li saret diskriminazzjoni kontra tieghu minhabba li hu mal-oppozizzjoni u miz-Zejtun.

In kontro ezami r-rikorrent xehed li hu sar impjegat ufficjali mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fl-1991. Hu dahal fil-kariga ta' Labourer. Ikkonferma li applika ghal diversi sejhiet fosthom mason, drainage worker, miner u stone dresser. Ma setax jghid jekk in-nies li ntaghzlu f' dawn is-sejhiet kienux fi Group C. Hu ilmenta li kien jaghmel xoghol ta' Group C u l-grad tieghu baqa' Group B. Dwar l-applikazzjoni tal-1995 ma ftakarx jekk din kenitx harget f' Awissu tal-istess sena.

Semma li Pawlu Sciberras u Philip Gauci kienu jahdmu mieghu ghal tnax-il sena. Anke Tarcisio Urry kien jahdem mieghu filwaqt li Twanny Briffa u Joseph Fenech ma hadmux mieghu u huma stazzjonati l-Marsa izda jahdmu wkoll mad-Drainage. Qal li Urry qieghed fi grad oghla minnu u l-ohrajn qeghdin fi Group C li huwa grad ghola minn tieghu. Qal li hu ma tpoggiex fi grad bhal taghhom minhabba li hu membru fil-Labour Party.
Xehed Francis Cachia Foreman mad-Drainage Section. Lir-rikorrent ilu jafu ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u ilu jahdem mieghu matul dawn is-snin. Qal li xoghol ir-rikorrent jikkonsisti li jinzel fl-ispiera jimxi fil-mini tad-drenagg. Dak iz-zmien in-nies li kienu jahdmu max-xhud kienu Labourers u Skilled Labourers. Imbaghad kienu hargu l-applikazzjonijiet ghal Drainage Workers u hafna minn dawk li applikaw u li kienu jahdmu fid-drenagg saru Drainage Workers. F' dan ix-xoghol hemm periklu kbir tal-gassijiet u kien hemm drabi li l-haddiema hadmu bil-maskri. Ix-xoghol jikkonsisti fit-tindif tad-drainage systems li jvarja skond ic-cirkostanzi u hafna minn nies jahdmu wkoll ta' baqquniera. Ir-rikorrent huwa wiehed minn dawk li jahdmu bil-jackhammer kif ukoll ta' bennej, u fil-fatt ix-xhud jaghmel uzu minnu meta jkun hemm xi uzu ta' pumping station. Jaf li r-rikorrent huwa maghruf bhala Labourer. Qal li r-rikorrent jahdem aktar minn haddiehor pero` huwa mhallas anqas minn haddiehor. Ix-xhud qal li

ma gie konsultat bl-ebda mod dwar il-kapacita` tan-nies tieghu meta harget is-sejha. Fis-sezzjoni tieghu gieli kellu xoghol perikoluz li jsir biss minn nies tas-sezzjoni tieghu. Meta kienu mietu tlieta min nies ic-Cirkewwa n-nies tieghu kienu dahlu, u r-rikorrent dejjem kien ma' dan il-guy, kien nizel mieghu u libes il-maskra u assista biex saret l-inkjesta.

Xehed Grezzju Abela Drainage Worker Group C li jahdem mad-Dipartiment tad-Drenagg. Qal li hu u r-rikorrent dahlu fl-istess zmien, ghall-habta tal-1990. Hu u r-rikorrent qabel l-1990 kienu suldati u mbaghad bdew iqassmuhom f' diversi dipartimenti. Ix-xhud kien Labourer u mbaghad ha promozzjoni ghal Group C minghand Joe Mifsud.

Xehed Emanuel Cortis Principal u jahdem il-Human Resources Section fil-Works Divison li qal li l-applikazzjoni 37/92 giet mizmuma minhabba li kienet gejja fis-sehh ir-riforma fis-settur pubbliku u hadd ma kien ha l-promozzjoni. Dwar is-sejha 36/95 qal li din harget fl-4 ta' Awissu 1995. Mill-file ma rrizultalux meta gie kompletat il-process. Kompla jghid li mhux kull min ghadda mit-Trade Test sar awtomatikament. It-Trade Test kien jigi organizzat mill-ETC u x-xhud ma kellux dettalji kif dan kien isir. Ir-rikorrent kien wehel fit-Trade Test. Li kieku ghadda xorta ma kienx ikun eligibbli awtomatikament ghall-promotion ghax l-ewwel ried ikun hemm applikazzjoni, u japplika.

Qal li r-rikorrent kien beda fl-1 ta' Jannar 1992 bhala Labourer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet u wara tela' General Hand. Esebixxa dokument fejn jindika li hu kien biss fid-drainage. Ma setax jghid kemm damet biex giet fis-sehh ir-riforma minhabba li dak iz-zmien kien fuq xoghol iehor. Qal li t-trade test kien sar bil-ghan li meta johorgu l-calls for applications fl-1995 minn jghaddi mit-trade test ikun jista' japplika. Fil-fatt fl-1995 kien hemm sejhiet ghall-applikazzjonijiet u saru l-promozzjonijiet.

Giet esebita x-xhieda moghtija fir-rikors numru 834/97 quddiem it-Tribunal. Mix-xhieda ta' Paul Sciberras

jirrizulta li hu kien diga` jahdem mal-Public Works, meta fl-1984 dahal fit-Taqsima tad-Drainage. L-ilment tieghu hu li minn mindu sar Skilled Labourer sal-lum qatt ma ha promozzjoni wahda. Meta fl-1988 applika ghall-grad ta' "Drainage Worker" dan kien grad oghla minn dak ta' Skilled Labourer. Il-membri tal-Bord kienu staqsewh kif isir ix-xoghol tad-Drainage Workers u irrispondihom kollox ghaliex minkejja li l-iskilled labourers mhux suppost jinzlu fid-Deep Main Sewage, hu kien ilu jaghmlu zmien sewwa, u ghalhekk kien sa minn qabel l-interview gja jaghmel ix-xoghol ta' Drainage Worker u dak kollu li kien hemm x'jitghallem dwar dan ix-xoghol kien gja tghallmu kollu minn ghand il-foreman Frans Cachia. It-Trade Test li suppost kellhom jaghmlulu skond Klawzola 5 tas-Sejha ghall-mili ta' postijiet qatt m'ghamluhulu.

Skond Dok 6 pprezentat mill-konvenuti minn total ta' 100 marka, 40 marka kellha tinghata proprju ghal dan it-Trade Test li qatt ma sar, jew ghal Trade licence li fil-fatt lanqas biss tezisti fil-kaz ta''Drainage Workers. "Other Qualifications" hadd ma kellu, lanqas it-tlieta li ghaddew mill-ezami. "Trade Knowledge and Experience" hadd ma gab aktar minnu (cioe` 12-il marka) l-anqas it-tlieta li ghaddew. Kif jirrizulta minn dokument 7 prezentat mill-konvenuti, it-tliet applikanti li ghaddew mill-ezami irnexxielhom jaghmlu dan ghaliex gabu marki gholjin fit-TRADE TEST / LICENCE! Sostna li t-Trade Test/Licence intuza bhala ghodda biex issir diskriminazzjoni minn fost il-haddiema. Mit-tliet applikanti li jirrizulta li ghaddew jaf biss lil Tarcisio Urry li kien gie taht il-foreman tieghu Tarcisio Cachia ftit warajh. Hu u Urry dejjem kienu jaghmlu l-istess xoghol flimkien u anke wara li dan Urry ha l-promotion ghal Drainage Worker, baqghu jahdmu flimkien u jaghmlu l-istess xoghol flimkien: l-unika differenza hi li Urry ghandu paga ghola minn tieghu w aktar allowances.

Zied li x-xoghol ta' Drainage Worker ghandu jaghmlu sal-gurnata tal-lum, u dan jinkludi l-inzul go mini tad-drenagg li jkunu diversi metri taht l-art jew taht il-qliegh tal-bahar; bicca xoghol ohra li Skilled Labourer jew General Hand

ma jaghmilx hija li jqatta blat taht l-art bil-jack hammer: fil-fatt dan ix-xoghol hu jaghmlu wkoll.

Dwar Charles Meilaq li qalulu li jahdem il-Works Division u kien wiehed minn nies tal-bord ma jafux. Urry kien jahdem mieghu. Briffa u Fenech kienu f` sections ohra tal-Public Works u ma jafhomx. L-interview kull ma dam xi hames minuti. Jekk kellhomx il-file personali tieghu ma jafx. Xi karti kellhom pero` ma jafx jekk hux tieghu. Semma li hu kien qabel Urry fis-section, izda li mal-Gvern dahlu flimkien ghax kienu mad-Dirghajn. Urry huwa tal-istess kulur politiku bhalu.

Ukoll <u>Frans Cachia</u> kien xehed li jahdem mad-Dipartiment tad-Drainage bhala Senior Technical Officer deep sewers u ilu f` din il-kariga `il fuq minn 20 sena xehed li r-rikorrent jahdem mieghu u ilu dejjem jahdem tahtu ghal dawn l-ahhar hmistax, sittax-il sena. Hu qieghed bhala skilled labourer. Hemm nies tahtu li huma drainage workers li jaqghu taht Group B, u minn wiehed sa tnejn labourers li huma Group A. Ix-xoghol taghhom huwa xoghol perikoluz hafna u hemm hafna gassijiet. Fil-fatt ghall-ewwel ir-rikorrent kien jibza jinzel fil-mini. Qal li din hija xi haga normali ghax anke hu ghall-ewwel hekk kien gralu.

Kien hemm min applika minn skilled labourer u sar drainage worker. Fil-fatt ir-rikorrent ma kienx applika l-ewwel darba li kienu hargu l-applikazzjonijiet izda t-tieni darba kien applika. Hu ma kienx sar. Skilled labourer u drainage worker l-istess tip ta` xoghol jaghmel. Kemm il-paga kif ukoll l-allowances ta` drainage worker huma superjuri ghal dawk ta` skilled labourer.

Meta saru l-promotions ma kienx wiehed mill-bord. Fid-drainage system hemm hafna sezzjonijiet. Hu fid-deep sewers qieghed. Lil certu Fenech ma jafux, u anqas lil Tony Briffa. Lil Tarcisio Urry jafu u dan jahdem bhala drainage worker fis-sezzjoni tieghu. Dan jahdem tajjeb. Hu u r-rikorrent gieli hadmu flimkien.

<u>Walter Attard</u> Principal fil-Personnel mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici kien xehed li “b’ riferenza ghall-ezami

in kwistjoni tal-promozzjoni li qed jitlob is-Sur Sciberras trade test ma kien sar ghal hadd, la ghar-rikorrent u anqas ghall-ohrajn. Ir-rikorrent kien applika ghal Drainage Worker u kien gab 46 out of 100. Ir-rikorrent kien gab tat-trade test license 18 out of 40. Qualifications ma kellu xejn u ghalhekk gab 0. Fuq Experience inghata 12 minn 20 u wkoll 12 minn 20 dwar Appearance, Personality u Aptitude waqt li gab 4 minn 10 marki dwar Length Of Service ghal total ta' 46 marka. Ippreciza li minn dan l-interview kienu ghaddew tlieta minn nies u cioe` Tarcisio Urry, Briffa Twanny u Fenech Joseph. Dwar tul ta' servizz mad-dipartiment specifika li Fenech Joseph gie moghti 8 waqt li Briffa Twanny 6 u cioe` t-tnejn li huma aktar mir-rikorrent waqt li Tarcisio Urry kellu 4 bhar-rikorrent. Il-figura hija marbuta direttament maz-zmien li ilu fis-servizz mal-Gvern totali.

Il-marki li gab Tarcisio Urry kienu 30, 0, 12, 14 u 4 b' total ta' 60 marka u cioe` l-aktar li kien hemm differenza kienet fit-Trade Test bejn Tarcisio Urry u r-rikorrent… Ma kienux saru wara din l-applikazzjoni Drainage Workers ohra".

Fir-rikors numru 837/97 kien xehed Philip Gauci li qal li meta kien fit-taqsima tad-drainage tal-Works Department kien mqabbad jaghmel xoghol ta' Deep Sewer Works. Dan ix-xoghol suppost isir mid-drainage workers u mhux mill-skilled labourers. Meta hargu applikazzjonijiet ghad-drainage worker group C huwa applika, waqt l-interview kien gie mistoqsi kif isir ix-xoghol tad-drainage workers u hu rrisponda kollox peress li hu kellu esperjenza u kien ilu snin jahdem f'dan ix-xoghol. It-trade test li kellu jsir skond klawsola 5 tas-sejha ghall-mili ta' postijiet qatt ma sarlu. Kien hemm 40 marka minn 100 allokati ghal dan it-trade test li qatt ma sar. Ir-rikorrent sostna li l-bord ma segwiex ic-cirkolari numru 130/88 u dan il-kriterju tat-trade test intuza biex issir diskriminazzjoni mal-haddiema. Minn dawk li ghaddew semma lil Tarcisio Urry li kienu jahdmu flimkien u anki wara li ha l-promozzjoni it-tnejn baqghu jahdmu flimkien fuq l-istess linja ta' xoghol.

Zied li fl-ezami in kwistjoni huwa kien gie r-raba'. Minn dawk li gew qablu ma jaf lil hadd hlief lil Tarcisio Urry li kif

diga semma kienu jahdmu flimkien. Urry dahal fis-sezzjoni tieghu hafna zmien warajh. Urry gie promoss ghal drainage worker u hu le.

Kien ukoll xehed Frans Cachia li jahdem mad-Dipartiment tad-Drainage bhala Senior Technical Officer Deep Sewers. Qal li r-rikorrent kien wiehed mill-ewwel nies li kellu mieghu. Qal li r-rikorrent kien labourer izda kien jaghmel xoghol ta' drainage worker inkluz li jinzel fil-mini. Meta hargu l-applikazzjonijiet ghall-promozzjonijiet kien ilu sentejn jew tlieta jaghmel dak ix-xoghol, min ha l-promozzjoni l-istess xoghol bhalu baqa' jaghmel. Ir-rikorrent dejjem ghamel xoghlu tajjeb u zgur kien tajjeb daqs dawk li saru.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi l-ilment tar-rikorrent huwa bazat fuq il-fatt li hu ma giex mahtur Drainage Worker ghalkemm kienu hargu zewg cirkolarijiet u cioe` dik tal-37/92 u 36/95.

A] **Applikazzjoni 37/92**. Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta' Marzu, 1999 fejn insibu:

"Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li "Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero' l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha…Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."

Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

Ghalhekk it-Tribunal ma jsibx l-ilment dwar din ic-cirkolari gustifikat, u jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

B] **Applikazzjoni 36/95**. Illi l-intimat issottometta li mid-dokumenti li jippossjedi d-Dipartiment tax-Xogholijiet jirrizulta li ma harget ebda sejha ohra in konnessjoni mal-grad allegat wara s-sejha msemmija. Illi l-intimat eccepixxa li l-korrispondenza mehmuza ma' l-ilment tikkoncerna cirkolari li harget mill MPO fl-4 ta' Awissu 1995 b'numru MPO BII 36/95 u kienet tistieden applikanti li kienu pronti jaghmlu trade test sabiex jottjenu certifikat ta' kompetenza fis-snajja rispettivi.

Illi ghalhekk qed jigi eccepit li tali applikazzjoni harget f' Awissu tal-1995 meta l-Kap 394 Art 5(4) jsemmi li l-Att ma ghandux japplika ghal ebda att jew omissjoni li jkunu graw wara l-15 ta' Mejju 1995. Illi ghalhekk jekk l-ilment hu bazat fuq din ic-cirkolari dan jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ***ratione temporis*** u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat ukoll dwar dan l-aspett.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------